HENJIN INTOM META TBATU MINĦABBA ĠESÙ

IS-SITT ĦADD TA' MATUL IS-SENA

Daħla: Fid-dinja, f'kull żmien, in-nisrani għandu sfida kontinwa: irid jagħżel jekk ikunx fidil lejn Ġesù jew lejn idejali oħrajn. Li tafda f'Alla mhux popolari. Li tafda fil-bnedmin jista' jġiblek ċertu risq. Imma għal Alla, il-bniedem li jafda fih anke meta jkollu jbati minħabba l-fidi, dan hu l-bniedem li se jirċievi l-premju etern. Filwaqt li min jippreferi l-ħajja tal-kompromessi mal-valuri tad-dinja u b'hekk ikollu ħajja komda, għal dan Ġesù għandu kliem iebes ħafna. Nibdew niċċelebraw billi nkantaw ...

L-Ewwel Qari: Il-profeta Ġeremija juri d-differenza bejn il-bniedem li jafda f'Alla u l-bniedem li jistrieħ fuq bnedmin oħra.

Responsorju tas-Salm: **Hieni l-bniedem li jqiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu**

It-Tieni Qari: Peress li Ġesù qam tassew mill-imwiet, mela l-qawmien tagħna hu assigurat u jagħtina tama hienja.

Offertorju: *(X'ħin ikunu se jitressqu l-offerti lejn l-artal, l-animatur igħid):*
Mill-ġid li Alla tana, ejjew noffru l-aqwa li għandna b'qalb kollha ferħ. Inkantaw flimkien.…

Tqarbin: *(Waqt li s-saċerdot ikun jitqarben bid-Demm ta' Kristu, l-animatur igħid)*
Ġesù hu s-saħħa tagħna waqt it-tribulazzjonijiet u t-tiġrib kollu ta' ħajjitna. Ejjew nitqarbnu bih biex ikollna l-qawwa tiegħu stess. Inkantaw flimkien.…

Ringrazzjament: *(waqt li s-saċerdot ikun jippurifika l-Kalċi, l-animatur igħid)*
Nirringrazzjawk, Missier, li tajtna lil Ibnek b'Salvatur u li għażiltna nkunu xhieda tal-imħabba tiegħek għall-bnedmin. Bi gratitudni kbira ngħidu (jew inkantaw) ...

Kant tal-Għeluq…